**Minuti**

**Seduta Nru. 20/2016**

Data: It-Tnejn 25 ta' April 2016

Ħin: 6:00pm

Post: Kunsill Lokali L-Imsida

---

Preżenti: Sur Matthew Mangion – *Chairperson*
Sra Deborah Galea – Viċi Chairperson
Sur Jimmy Zahra – *Membru*
Sur Owen Patrick Attard – *Membru*
Sur Manuel Galea – Membru

Sur Christopher Cutajar – *Aġent Segretarju Eżekuttiv*

---

Il-laqgħa bdiet fis-18:15 permezz ta' talba miċ-Chairperson.

## 1. Minuti

407 Il-Kumitat approva l-minuti tas-seduta 19/2016 kif moqrija.

## 2. Punti mqajma mill-Minuti

408 Dwar minuti 384, 366 u 396. Iċ-Chairperson tella' l-*artworks* mogħtija mill-Wasteserv fuq *facebook*.

409 Dwar minuta 389 u 398. Transport Malta intalbet tagħmel bollards tal-plastik f'nofs ta' Triq it-Torri biex min jiġi mill-mina tan-naħa tal-isptar ma jkollux aċċess jidħol *wrong way*. Is-Segretarju kiteb lil Transport Malta u bagħat imejl oħra sabiex ifakkarhom dwar dan.

410 Dwar minuta 392 u 399. Dwar it-taħditiet edukattivi, il-Viċi Chairperson qalet li tista' ssir taħdita dwar il-kura tas-saqajn (Podoloġija) u anke mal-Korp tal-Pulizija dwar id-dixxiplina fit-triq mill-*pedestrians* u mis-sewwieqa, speċjalment waħda indirizzata lit-tfal. Il-*football tournament* huwa maħsub li jsir fl-24 ta' Mejju. Il-Viċi Chairperson se tikkonferma d-data ma' Saint Martin's College, biex wara jibda l-

kuntatt mal-i*sponsors*. Is-Segretarju għandu jaħseb biex tinxtara first-aid box għal dan il-għan.

411 Dwar minuta 403. Dwar li tkun esplorata l-ideja li jkun installat tagħmir tal-*outdoor gym* fiż-żona tal-bandli. Is-Segretarju qal li ġie mitkellem il-Perit u min-naħa tiegħu qal li jagħmel iktar sens li tagħmir bħal dan isir fil-bandli, li huwa post ċentrali fil-komunita'.

**3. Korrispondenza**

412 Iċ-Chairperson qal li rċieva korrispondenza fil-11 ta' April dwar skart mitfugħ fi Triq Dijonisju Fumucelli kantuniera ma' Triq Mons. Innoċenz Zammit. Is-Segretarju qal li se jkun qed jikkordina mal-ħaddiema tal-Kunsill Lokali Msida sabiex it-tindif meħtieġ isir.

**4. Immaniġġjar tat-traffiku**

413 In segwitu ta' minuti 388, 373, 359 u 397. Is-Sur O P Attard, iċ-Chairperson u l-Aġent Segretarju ltaqgħu mal-Perit Daniel Micallef il-Ħamis 21 ta' April. Se tkun qed tiġi mgħoddija *scan* lill-Perit biex jaħdem fuqha sabiex ikun formalizzat pjan għall-immaniġġjar tat-traffiku.

414 Kien hemm ukoll suġġeriment dwar Triq Sant Andrija u Triq Mons Innoċenz Zammit, bil-għan li t-traffiku jiċċirkola f'direzzjoni waħda minn dawn it-toroq.

**5. Affarijiet oħra**

415 Iċ-Chairperson saqsa f'hiex wasal ix-xogħol relatat mal-bandli. Is-Segretarju qal li l-ewwel fażi tax-xogħol se tinkludi li jinbidel is-*soft flooring* taħt il-bandli u taħt iż-żurżieqi. Fit-tieni fażi jinbidel il-*fence* ta' mal-*football pitch* u arblu mgħawweġ li hemm iżomm il-fence.

416 Is-Sur M Galea ġie avviċinat minn residenti dwar it-Triq tal-Qattus, in-naħa t'isfel, kantuniera ma' Triq Vincenzo Saliba, peress li qed jipparkjaw fuq id-*double yellow*

*line*, u iktar 'l fuq, u ma jħallux spazju biżżejjed biex idawru t-trakkijiet. Is-Segretarju għandu jikteb lis-Segretarju ta' Birkirkara biex jitwalu d-*double yellow lines.*

**7. Aġġornament**

417 Il-laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 23 ta' Mejju, 2016 fis-6:00pm.

Il-laqgħa ntemmet fis-19:25 hrs.

| | |
|---|---|
| Matthew Mangion | Christopher Cutajar |
| *Chairperson* | Aġent Segretarju Eżekuttiv |

Data tal-approvazzjoni: ______________________

P.S Wara l-Laqgħa saret laqgħa ma' min imexxi n-negozju Navarino fis-Swatar.

Attenda s-Sur Jean Paul Agius għan-negozju Navarino. Iċ-Chairperson qal li jkun hemm ċirkostanzi fejn jittieħdu parkeġġi tar-Reserved jew karozzi fil-kantunieri minħabba klijenti tal-ħwienet. Is-Sur Agius qal li huwa diffiċli li jiftihem bil-ħin preċiż ma' min iwassal il-prodotti fil-ħanut, għaliex jaħseb li xorta ma tantx idumu jirrispettaw il-ħin. Qal li jekk issir Un/Loading Bay komuni għal kulħadd tkun problema biex issir waħda f'post wieħed biex taqdi lil kulħadd. Huwa qal li regolarment it-trasport tal-prodotti jsir bejn is-7am u 12pm mit-Tnejn sal-Ġimgħa. Ħafna drabi huwa jevita li jilqa' xogħol nhar ta' Ġimgħa. Fir-rigward tat-trasport pubbliku dwar rotot 110 u 123, is-Sur Agius qal li jagħmel sens li l-qies tal-Karozza tal-Linja jkun iżgħar. Fir-rigward ta' Triq Tal-Qattus k/m Evelyn Bonaci ġiet diskussa l-possibilita' li jinħolqu l-parkeġġi. Is-Sur Agius semma' wkoll li ma hemmx *zebra crossings* fejn il-MUSEUM tal-Bniet u tas-Subien.